BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

17 ta' Gunju, 2009

## Minuti tal-laqgha numru 29(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 29(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tlieta 16 ta' Gunju, 2009, fi 6.00 ta' filghaxija.

## Preżenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sur Ivan Peresso - Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.
Is-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku nghaqqad ghal-laqgha fi 6:15 ta' filghaxija

Ippresieda s-Sindku, s-Sur John Boxall

## Talba

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal laqgħa.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Minuti tal-laqgha 28(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 **Item 1.1 (28/05), Triq San Lawrenz fil-Birgu**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hu kien gie nfurmat mill-Perit David Vassallo li nharget l-LA Permit min-naha ta' l-Awtorita dwar it-trasport lill-kuntrattur "Barbros Schembri" sabiex jissuplixxi l-materjal u dan ser mbaghad jitqieghed mill-haddiema tal-gvern. Is-Sur John Boxall issugerixxa sabiex tintbghat mailshot lir-residenti dwar dan it-taghrif. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 **Item 1.2(28/05), Triq il-Kunvent**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna r-rapport li kellu jsir min-naha ta' l-Awtorita tat-Trasport.

1.3 Dwar Item 1.4(28/05), Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-kunsilliera li hu qieghed jigi avvicinat minn diversi Ministri kif ukoll mill-Amministrazzjoni tal-Partit Laburista dwar il-kwistjoni mas-Sur Mario Farrugia CEO tal-Fondazzjoni Wirt Artna. Il-Kunsilliera Miriam Grech sostniet li anke hi qed tigi avvicinata. Wara diskussjoni, is-Sindku s-Sur John Boxall talab sabiex il-Kunsill jibqa jsostni d-decizjoni tieghu li Gallerija Couvre Porte, l *–kitchenette* u l-*istore* jibqghu s-sala tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Jekk f'kaz li dawn il-kmamar jigu mehuda, b'mod unanimu l-Kunsilliera prezenti qablu li b'effett immedjat jaghtu r-rizenja taghhom. Barra minn hekk, il-kunsilliera prezenti qablu unanimament li ghal laqghat dwar din il-kwistjoni jibdew jattendu kollha.

1.4 Dwar item 1.5 (28/05), dwar l-iskema mahrug mid-dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-accessibilita fil-Lokal, is-Sindku s-Sur John Boxall, ipprezenta kwotazjoni mahruga mill-kumpanija D & S Lifts maintenance ghal-lift ta' 8 persuni kif ukoll ghall-bini ta' l-istruttura tieghu. Is-Sindku stqarr lil-prezz kwotat huwa ta' € 56,484.98 inkluz il-VAT. Hawnhekk is-Sindku pprezenta l-applikazzjoni ghall-installazzjoni ta' lift li ddahlet il-MEPA, kif ukoll l-applikazzjoni lli giet ipprezentata lid-dipartiment tal-Gvern Lokali taht l-iskema dwar accesibilta ahjar fil-lokalita.

1.5 **Item 1.7 (28/05), Mini Pitch fil-Birgu**

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera, li l-Kunsill qieghed jistenna risposta minghand il-Kunsill Malti ghall-Isport.

1.6 Dwar item 2.1 (28/05), is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li diga bdew isiru laqghat mad-diretturi tal-JCM Webs sabiex tigi stabilita d-design tal-website. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa li jekk il-Kunsillier Ivan Peresso u s-Sur Melvin Degiorgio, huma lesti u kapaci li jaghmlu d-design tal-website, din ghandha ssir min-naha taghhom. Dawr dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Dwar item 2.2 (28/05), Is-Sur John Boxall, Sindku qal li ghal issa, d-dipartiment ma laqghux it-talba tal-Kunsill sabiex l-istes Kunsill johrog sejha ghall-applikazzjoni ghal skrivan sabiex jigi mpjegat mal-Kunsill, sakemm tigi amendata l-ligi tal-Kunsilli Lokali.

1.8 Dwar item 2.6 (28/05), is-Sindku pprezenta kwotazjoni minghand il-kumpanija *"JES Marble Art and Crafts works, engraving, inlay and sculpture"*ghall-irhama komemorattiva ghall-vittmi li mietu fi tragedja tal-Polvrista, ghall-prezz ta' € 3219. Wara diskussjoni, is-Sur John Boxall Sindku qal li ghalkemm il-Kunsill jaqbel mas-suggeriment tas-Sur Anthony Attard sabiex issir l-imsemmija rhama, imma fil-prezent minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, l-istes Kunsill mhux f'pozizzjoni li jaghmilha izda ghandha ssir aktar-il quddiem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.9 Item 2.7 (28/05), Is-Sindku prezenta kopja ta' ittra li ntbghatet mis-Sur Glenn Scicluna, Segretarju ta' l-ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own li ntbghatet lill-ghaqdiet kollha tal-Birgu, inkluz lill-partiti politici fejn gew mistiedna ghall-quddiesa ghar-ruh Frans Ciappara, l-ex Vici President ta' din l-ghaqda, izda l-Kunsill Loali tal-Birgu ma giex mistieden. Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta, kopja ta' l-ittra mibghuta lill-President ta' l-ghaqda, s-Sur Lauro Abela fejn ntalab r-ragunijiet il-ghala l-Kunsill ma giex mistieden ghal din il-quddiesa, ghal-liema ittra ntbghatet risposta mis-Sur Pawlu Farrugia, Assistant Segretarju ta' l-ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own fejn stqarr li ma kien hemm l-ebda intenzjoni izda saret bi zvista.

1.10 Dwar item 3 (28/05), is-Sindku nforma lill-Kunsilliera, li t-tender tad-devoluzzjoni tad-dawl fit-toroq nhareg u ser jaghlaq nhar il-Gimgha 19 ta' Gunju, 2009, f'nofsinhar, imma fil-fra temp t-tiswijiet tad-dawl qed isir temporanjament mill-Kumpanija J.F. Mallia.

1.11 Item 5 (28/05), is-Sur John Boxall, Sindku qal li t-tender ghall-knies u t-tindif tat-toroq kien inhareg u ser jaghlaq nhar il-Gimgha 19 ta' Gunju, 2009 f'nofsinhar

1.12 Dwar item 6 (28/05), id-decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' l-avukat, wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Dr. Ingrid Zammit Young peress li din kienet l-irhas offerta. Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Cassar issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.13 Item 7 (28/05), is-Sindku ta rendikont tal-laqgha li l-Kunsill kellhu nhar it-Tnejn 15 ta' Gunju, 2009 ma' l-Onorevoli Ministru George Pullicino dwar id-diversi progetti li huma mistennija li jsiru fil-Belt tal-Birgu. Hawnhekk, is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta ittra ghall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tintbghat lill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi dwar *issue* li gie diskuss ma' l-imsemmi Ministru. Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu sabiex din tintbghat.

## Korrispondenza

2.1 IS-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu applika ghal ghajnuna finanzjarja ghal sebgha progetti tal-Memo 25/09 mehruga mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar "Fondi Specjali ghal-lokalitajiet bi bzonnijiet Specjali" li kienu:

**1.** Ghanjuna sabiex fiz-zona ta' Couvre Porte (fid-dahla principali tal-Birgu) issir latrina Pubblika moderna minn flok dik ezistent

**2.** Investiment ghall-Belt Storika, Marittima u turistika tal-Birgu jfisser investiment fis-settur turistiku (biex isiru boards informattivi f'postijiet centrali)

**3.** Investiment fiz-zamma ta' l-Indafa pubblika jkun ifisser reklam kbir ghall-Gzejjer Maltin (ghal gbir ta' skart domestiku u tindif tat-toroq ghal Hdud u Granet tal-Festi Pubblici)

**4.** Investiment fl-Edukazzjoni – jkun ifisser l-ahjar garanzija ghall-futur ta' dawn il-gzejjer – Investiment fil-Librerija Regjonali

**5.** Mezz ta' trasport ahjar ghall-anzjani tal-Lokalita, fejn tigi ntrodotta s-servizz ta' mini bus shuttle service ghal venda tal-karozzi tal-linja(b'hames hinijiet differeni, 3 filghodu u 2 wara nofsinhar)

**6.** Is-Sit Elettroniku tal-Kunsill Lokali tal-Birgu www.birgu.gov.mt, u l-ahjar sors ta' reklamar ghat-turisti li jridu jzuru lill-Beltna

**7.** Dokumentarju viziv dwar il-postijiet Storici kollha li jinsabu fil-Birgu b'zewg lingwi differenti, dik Maltija u dik Ingliza

2.2 Is-Sindku prezenta ittra mibghuta mill-Ing. Ray Piscopo fi hdan il-MEPA fejn nforma lill-Kunsill, li l-istess Kunsill fl-iskema ta' l-Urban Improvement Fund ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu € 4716.98. Wra diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex jittiehdu l-passi necesarji sabiex il-Kunsill japplika ghal dawn il-fondi halli jsir l-mini pitch fil-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lid-dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien ma' l-ircevuti ta' l-ispejjes inkonessjoni ma' l-attivita "Birgu By Christmas Lights 2008", liema attivita giet imtella' bl-ghajnuna ta' l-iskema ta' l-attivitajiet Kulturali, fejn il-Kunsill ibbenefika minn € 6,000

2.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni ta' l-Kunsill ghall-iskema Energy Saveing giet ikkunsidrata bhala eligibli, u l-Kunsill ser jnghata l-ammont ta' € 6,700 mill-progett *"Alternative energy for Couvre Porte, a cultural and historical jewel in the heart of Birgu"* skont l-istimi, huwa stmat li ser jiswa lill-Kunsill € 18494.43.

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra minghand il-Perit ta' sid il-hanut Café Du Brazil li jinsab f'Misrah ir-Rebha, fejn talab il-permess ghall-imwejjed u siggiejiet li ghandu bhalissa sabiex jirregolarizza ruhu. Wara diskussjoni, dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex jinghata l-permess mehtieg izda mportanti ferm li jinkisbu l-permessi kollha mehtiega mil-awtortitajiet kollha koncernati.

2.6 Ittra minghand il-Vittoriosa Stars FC, fejn fl-okkazzjoni tal-promozzjoni tat-team ta' din il-Belt, talbu sabiex tintuza l-area ta' Couvre Porte nhar il-Gimgha 12 ta' Gunju, 2009, sabiex isir reciviment. Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta kopja ta' l-ittra ta' approvazzjoni li ntbghatet lil dan il-kumitat, fejn din giet approvata unanimament.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

2.7 Ittra minghand is-Sinjura Audrey Anne Callus Randich, Segretarja tal-Vittoriosa Stars F.C. Youth Nursery fejn talbu lill-Kunsill Lokali tal-Birgu, l-permess sabiex fi 18 ta' Lulju, 2009, tintuza l-area ta' Couvre Porte sabiex issir quddiesa ta' ringrazzjament kif ukoll presentazzjoni tal-Kits kif ukoll riceviment. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti unanimament qablu sabiex din it-talba tigi milqugha u approvata.

2.8 Ittra minghand is-sinjura Astrid Vella ghan-nom ta' l-Ghaqda Flimkien ghall-Ambjent Ahjar, fejn talbu lill-Kunsill sabiex bil-kollaborazzjoni ta' l-istess Kunsill fi 2 ta' Lulju tittella attivita gewwa Couvre Porte, fejn ser tigi murija ghal l-ewwel darba l-website ta' din l-assocjazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill jissieheb fil-patt tas-Sindki. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jissieheb f'dan il-patt, dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sur John Boxall, Sindku prezenta talba minn sid il-hanut Del Borgo sabiex isiru zewg tabelli ta' reklamar f'postijiet prominenti fil-Birgu, wahda fi Central Strip vicin il-monument tal-Papa u ohra fi Central Strip fi Triq il-Gublew tal-Fidda vicin l-arblu tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex wahda minnhom jekk dejjem jinkisbu l-permessi kollha mehtiega, ssir fi Triq San Lawrenz kantuniera ma' Triq il-Kardinal Fabrizio Sciberras u l-ohra issir fi Central Strip fi Triq il-Gublew tal-Fidda izda tersaq iktar fejn hemm il-hamrija. Dawn iz-zewgt proposti ghandhom l-ewel jigu diskussi mal-propjetarju ta' "Del Borgo".Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Is-Sindku pprezenta qpplikazzjoni numru PA 02287/09, liema applikazzjoni ddahlet il-MEPA mill-Maritime Trade Centre ghal upgrading ta' Xatt ir-Risq fil-Birgu. Is-Sur John Boxall zied jghhid, li l-perit li s-sottometta din l-applikazzjoni, huwa l-istess perit li qed jahdem fuq ir-rigenerazzjoni tal-Bacir Numru 1. Barra minn hekk is-Sindku zied jghid li konsultazzjoni min-naha tal-Kunsill ma saritx u mhux biss skond il-mappi prezentati huwa ppjanat li l-parkegg ser jospita 52 parkegg biss u 31 sigra. Is-Sindku zied jghid li nhar l-Erbgha 24 ta' Gunju, 2009, fi 9:30 ta' filghodu, ser ikun hemm laqgha mad-direttur tal-Maritime Trade Centyre sabiex tigi diskussa din l-applikazzjoni.

2.12 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Amabile Galea & Sons Ltd ghall-arbli tad-dawl ghal fi Triq fuq tal-Hawli ghall-prezz ta' € 695 "*single pole*" u "*double pole*" ghal prezz ta' € 770 sabiex jibdew il-preparamenti sabiex tinhareg tender ghal dawn il-fanali ornamentali ghal post imsemmi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta minn Bro. Martin Borg Direttur tal-Kullegg De La Salle, fejn talab lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jissieheb fil-progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea "Making Design & Technology Accesible to all". Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li jissieheb f'dan il-progett

2.14 Is-Sindku, s-Sur John Boxall pprezenta ittra mibghuta mid-Direttur, s-Sur Natalino Attard dwar l-ittra mibghuta lilu mis-Sinjorina Fiorella Scicluna, fejn talbet il-performance bonus dovut lilha. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mill-avukat tal-Kunsill Dr. Neville Camilleri b'risposta ghal din l-ittra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti bis-sitwazzjoni tal-kwistjoni mal-kuntrattur Pawlu Cutajar.

2.16 Is-Sindku prezenta kwotazzjoni ghall-ghamara ghall-ufficini tal-haddiema klerikali minghand il-kumpanija Krea Malta Ltd ghall-prezz totali ta' € 1840.40. is-Sindku zied jghid li ghalkemm ghadna qed nistennew risposta minghand is-sinjorina Tunde Kallai, il-Kunsill qed jigbor diversi kwotazzjonijiet ghall-ghamara ghall-ufficini.

2.17 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-sinjura Tunde Kallai ghan-nom tal-Kumpanija TK Associates Ltd ghan-nom tal-Kunsill applikat ghall-progett innovattiv ta' "Virtual Telephony", fejn permezz ta' dan il-progett l-anzjani tal-lokalita jkunu jistghu jcemplu lill-Kunsill b'mod viziv. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.18 Ittra minghand Fr. John Avellino Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz b'risposta ghall-ittra li ntbghatet lill-ghaqdiet u socjetajiet kollha tal-Birgu dwar il-licenzji u permessi fejn stqarr li l-Kunsill "jekk irid jibda jitlob ghal dawn il-hlasijiet" u fejn talab sabiex jigi nfurmat l-ammont dovut sabiex tigi organizzata l-ewwel erbgha fi 27 ta' Mejju, 2009. Is-Sindku staqrr li din l-ittra regghet ntbghatet lura peres li ma setghetx tigi accettata minhabba li dawk il-kliem setghu jaghtu interpretazzjoni hazina, li biha tista tigi nterpretata hazin il-ligi. Barra minn hekk is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lill-Kumitata Festi Esterni San Lawrenz fejn nghata rendikont ta' l-ammont dovut lill-Kunsill ghall-permessi sabiex issir l-attivita ta' l-ewwel erbgha f'Misrah ir-Rebha. Is-Sindku zied jghid li din l-attivita ma gietx mtella' kif mitlub u ghal daqs tant ma kienx hemm bzonn li jsiru l-permessi mehtiega.

2.19 Ittra minghand il-Kumitat Festi Esterni San Duminku fejn irringrazzjaw lill-Kunsill talli nghata l-uzu ta' Couvre Porte minghajr hlas u rrikonoxxew dan il-gest bhala donazjoni min-naha tal-Kunsill.

2.20 Ittra minghand l-Kumitat Festi Esterni San Duminku fejn talbu l-permessi mehtiega ghall-Festa ta' San Duminku li ser issir bejn l-23 u 29 t'Awwissu, 2009. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jinghataw l-permessi mehtiega izda din is-socjeta ghandha thallas skond il-ligi ghall-permessi mehtiega ghal l-attivita partikolari, dik tal-lejla socjali , kif ukoll jintalbu kopji tal-permessi tal-baned mahruga mill-Pulizija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.21 Ittra minghand is-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz fejn talbu lill-Kunsill sabiex nhar il-Gimgha 24 ta' Lulju, juzaw il-palk tal-Kunsill, kif ukoll jinxteghel il-fustun tal-Pjazza. Wara diskussjoni, s-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba izda l-hlas li suppost jithallas ghall-kiri tal-Palk, dak ta' € 190, ghandha tittiehed bhala donazzjoni lil din is-Socjeta. Biss, dwar it-talba sabiex jinxteghel il-fustun, il-Kunsill ma jistax jaccetta peress li dan sa dak in-nhar ikun zarmat peress lil-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz ikun diga rama l-arbli tieghu fil-pjazza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.22 Is-Sindku pprezenta ittra minghand is-Sur Anthony Caruana Segretarju ta' l-Ghaqda Regatta Nazzjonali, fejn talab lill-Kunsill donazzjoni ta' € 116 ghal xiri ta' trophies ghall-organizazzjoni tar-Regatta ta' taht it-tmintax-il sena li ser issir nhar il-Hadd 28 ta' Gunju u nhar il-Hadd 5 ta' Lulju, 2009. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.23 Is-Sindku pprezenta email fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mistieden ghal-laqgha ma' l-Onorevoli Chris Said, Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjojni nhar il-Gimgha 26 ta' Gunju, fit- 3:00 sabiex jigu diskussi l-implimentazzjoni tat-tigdied tal-Kunsilli Lokali, kif qed jithaddmu l-iskemi ta' fondi specjali, l-inizjattivi u l-progetti mahsuba mill-Kunsill.

2.24 Talba minghand is-Socjeta Storika Kulturali –Vittoriosa sabiex fil-Birgu u f'post prominentiisir monument lil Gran Mastru La Vallette. Wara diskussjoni, s-Sindku stqarr li ghalkemm il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta, l-Kunsill ma jinsabx f'pozizzjoni finanzjarja tajba sabiex dan il-monument isir. Is-Sindku talab sabiex issir laqgha mas-Socjeta Storika Kulturali-Vittoriosa biex jinstab u kif l-imsemmija Socjeta tista' tghin finanzjarjament ghal dan il-Monument. Is-Sinjura Miriam Grech, Kunsilliera ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.25 Ittra minaghnd l-Ghaqda Piroteknika 10 t'Awissu, fejn talbu l-permess min-naha tal-Kunsill sabiex fl-okazzjoni tal-festa ta' San Lawrenz isir il-hruq tan-nar

i minn fuq tal-Hawli nhar l-31 ta' Lulju, fi 8, 9 u l-10 t'Awissu
ii minn fuq is-sur ta' San Gakbu nhar is- 6 ta' Awissu
iii minn Triq San Lawrenz nhar id- 9 t'Awissu.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa din it-talba izda mportanti ferm li jingabu l-permessi kollha mehtiega mill-awtoritajiet kollha koncernati u jigu osservati. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.26 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva donazzjoni ta' € 500 talli nghata l-permess lill-Kumpanija "The Producer's Creative Partnership" jiffilmjaw fil-lokalita tal-Birgu

2.27 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ittra mibghuta lill-Perit Ray Farrugia fejn il-Kunsill talab lid-dipartiment tax-xoghlijiet sabiex isiru xoghlijiet ta' manutenzjoni tat-tliet lattrini pubblici li jinsabu l-Birgu li jinsabu fi stat disaztruz u inefficjenti, liema xoghliljiet ghandhom jigu inkluzi mal-progett tas-swar li l-istess dipartiment ser jaghmel fil-Birgu.

2.28 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand l-Kumpanija Citadel Insurance Plc ghall-assigurazzjoni tal-Kunsill Loakli tal-Birgu u l-Kunsilliera u l-Istaff Klerikali ghall-prezz ta' € 337.25, kif ukoll kwotazzjoni ghal Public Liability fil-lokalita tal-Birgu ghal prezz ta' €1887.06. Wara diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex l-Kunsill minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha jacetta l-kwotazzjoni ghall-assigurazzjoni tal-Kunsill, Kunsilliera u l-Istaff Klerikali filwaqt li dwar il-kwotazzjoni l-ohra tittiehed decizjoni aktar-il quddiem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Impjieg tas-Sur Roderick Scerri mal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed isiru diskussjonijiet ma' l-ufficju tal-Prim Ministru sabiex fuq bazi ta' att umanitarju jigi impjegat is-Sur Roderick Scerri mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li jekk il-Kunsill jinghata risposta pozittiva, ghandu jiehu l-opportunita li jimpjega lis-Sur Scerri fuq bazi permanenti. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. Sotto Kumitat min-nies Brranin li jghixu permanenti fil-Birgu

Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu johloq sotto kumitat min-nies barranin li jghixu permanenti fil-Birgu sabiex jghinu lill-Kunsill ifassal diversi progetti. Filfatt, is-Sindku stqarr li diga gew avvicinati bosta persuni li huwa jahseb li huma validi, biex jaghmlu parti minn dan is-sotto kumitat. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu u gie deciz li jigu mistiedna ghal laqgha li ghandha issir nhar l-Erbgha 24 ta' Gunju fi 7 ta' filghaxija.

## 5. Jum il-Birgu 2009

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar ta rendikont tal-laqgha tas-Sotto Kumitat li saret nhar it-28 t'April, 2009. Hawnhekk il-Vici Sindku nforma lill-Kunsilliera li fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser jipprezenta programm "draft" ghac-celebrazzjoni ta' Jum il-Birgu.

## 6. BirguFest 2009

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jorganizza laqgha ghal volontieri kollha, kif ukoll laqgha ma' l-ghaqdiet, socjetajiet u l-hwienet tal-Birgu, fejn jigu nfurmati bid-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha tal-Kunsill precedenti, li kull min jarma stall irid jhallas il-permessi mehtiega lil Kunsill. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera Miriam

Grech issugeriet sabiex ghalkemm l-ewwel preferenza ta' l-istalls tinghata lill-ghaqdiet u l-hwienet tal-Birgu, tinghata l-opportunita li jinfethu ghall-bejjiegha l-ohra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk, il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar issugerixxa sabiex il-Kunsill javvicina anke lil dawk il-muzicisti u street performers li hawn f'Malta sabiex min hu interessat jinghata l-opportunita li jippartecipa. Dwardan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Il-Progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli

Is-Sindku ta rendikont tal-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli u nforma lill-Kunsilliera lil-Perit responsabbli fuq dan il-progett huwa u ser jibqa il-Perit Duncan Mifsud. Is-Sindku zied jghid li bhalissa l-Kunsill qieghed jistenna l-approvazzjoni tal-MEPA dwar l-emendi li saru fuq dan il-progett.

## 8. Affarijiet Ohra

8.1 Is-Sur John Boxall, Sindku, ressaq ghall-approvazzjoi tal-Kunsill, il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni s-Sindku, ppropona li din il-lista tigi approvata. Is-Sur Christopher Cassar Vici Sindku ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

8.2 Is-Sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex it-tappieri tal-fondut ghat-toqob ta' l-arbli li kien xtara zmien ilu ghandhom jingiebu kollha lura l-Kunsill. Dwar dan kien hemj qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fl-9:30 ta' filghaxija.

____________________________ ____________________________

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku